IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

27 ta' Novembru 2015

133/2015

**KAPPILLAN ĠDID GĦALL-PARROĊĊA MARIJA ADDOLORATA, SAN PAWL IL-BAĦAR**

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Patri Michael Attard bħala l-kappillan il-ġdid fil-Parroċċa ta' Marija Addolorata, f'San Pawl il-Baħar.

Patri Michael huwa mil-Parroċċa ta' Marija Bambina, x-Xagħra Għawdex u twieled nhar it-28 ta' Mejju 1967. Fl-1988 huwa beda n-Novizzjat fl-Ordni tal-Franġiskani Konventwali, u għamel l-Professjoni Solenni fl-24 ta' Settembru 1993. Studja l-Filosofija u Teoloġija fil-Kulleġġ Duns Scotu u fil-Fakultà ta' San Ġiovanni ta' Palermo fi Sqallija.

Patri Michael ġie ordnat saċerdot fl-24 ta' Ġunju 1995, fid-Djoċesi t'Għawdex. Huwa serva fil-komunitajiet ta' San Pawl il-Baħar bħala viċi-kappillan, Gwardjan ir-Rabat, Għawdex, Rettur tal-Knisja ta' San Massimiljan Kolbe ta' Buġibba (Qawra), u bħala Gwardjan u Rettur tas-Santwarju Madonna tas-Saħħa, ir-Rabat, Malta.

Il-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar tiġbor fiha madwar 5,000 persuna f'2,100 familja.